MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 383/2014

**Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre ID 482740M fil-kwalita tieghu ta' prokuratur generali tal-assenti ahwa Amanda Elizabeth mart Anthony Brennan, xebba Micallef u ta' James Richard Micallef**

**Vs**

**(1) Emanuele Muscat ID. Nru. 664930M u**
**(2) Agostino sive Wistin Muscat ID Nru. 105559M flimkien u in solidum bejniethom**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti nomine mressqa fit-12 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimati jhallsuh s-somma ta' seba' mija hamsa u tletin euro [€735] u dan wara li ppremetta hekk:

> "L-atturi, fi kwoti ndaqs bejniethom, huma s-sidien tar-razzett maghruf bhala Ta' Zbetta sive Ta' Zbetta, Nru. 1, Triq iz-Zebbiegh, l-Imgarr (Malta), li kien mikri lill-aventi kawża tal-konvenuti u cioe lil Pio u Domenica Muscat.
>
> Meta, l-konvenut Agostino sive Wistin Muscat, fl-10 ta' Frar 2014, irritorna c-cwievet tal-istess razzett kien ghad hemm pendenti kont ghad-dawl u l-ilma fis-somma ta' €735.00 (Dok GGM 1 hawn anness).
>
> Il-konvenuti, interpellati ripetutament biex ihallsu baqghu inadempjenti;
>
> Illi l-konvenuti huma t-tnejn li huma werrieta 'ab intestato' tal-imsemmija Pio u Domenica Muscat, u din hija talba biex l-istess konvenuti flimkien u in solidum bejniethom jiġu kkundannati biex ihallsu lill-attur, flimkien mal-imghaxijiet, l-istess somma ta' €735.00.
>
> Bl-ispejjes, kompriża dawk taz-zewg ittri bonarji tal-21 ta' Mejju 2014".

Ra li l-intimati gew debitament notifikati in kwantu ghal intimat Emanuele Muscat fis-27 ta' Gunju 2014 u in kwantu ghal intimat l-iehor Agostino sive Wistin Muscat fis-26 ta' Gunju, 2014 u li ma deherux ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota mressqa mir-rikorrenti nomine fis-16 ta' Settembru, 2014 u li permezz taghha huwa ċeda l-atti tat-Talba fil-konfront ta' Agostino sive Wistin Muscat iżda żamma ferma fil-konfront ta' Emanuele Muscat.

Semgha x-xhieda tal-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre li kkonferma li l-intimat ghad fadallhu jhallas lir-rapprezentati tieghu s-somma ta’ €735.

Ra li l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre ddikjara li r-rikorrenti ma kellhomx provi aktar xi jressqu u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema talba t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti nomine qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimati tas-somma ta’ €735 rapprezentanti din is-somma kont pendenti tad-dawl u ilma fuq il-fond maghruf bhala Ta’ Zbetta, sive Ta’ Zabetta, Nru. 1, Triq iz-Zebbiegh, l-Imgarr, Malta, liema fond kien mikri lill-aventi kawza taghhom Pio u Domenica konjugi Muscat.

2. Fis-16 ta’ Settembru, 2014 it-Talba odjerna ġiet ceduta fil-konfront ta’ Agostino sive Wistin Muscat iżda inżammet ferma fil-konfront ta’ l-intimat l-iehor Emanuele Muscat.

Ikkunsidra;

3. L-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre xehed llum stess li l-ammont reklamat mir-rikorrenti ta’ seba’ mija hamsa u tletin euro [€735] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat Emanuele Muscat.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta’ l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f’kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat fis-27 ta' Gunju, 2014 u baqa ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

8. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti nomine hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnu ma ghandux mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti nomine huwa dovut mill-intimat Emanuele Muscat.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-Talba fil-konfront ta' l-intimat Agostino sive Wistin Muscat in vista tan-nota ta' cessjoni mressqa mir-rikorrenti nomine fis-16 ta' Settembru, 2014, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti nomine kif kontenuta fit-Talba tieghu u konsegwentement jikkundanna lill-intimat Emanuele Muscat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' seba' mija u hamsa u tletin euro [€735] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont, li ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat Emanuele Muscat inkluż dawk ta' l-ittra legali datata 21 ta' Mejju, 2014.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------